



C/2024/5011

9.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.11635 — ADRILL / ADH / GORDON)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5011)

1. Fit-2 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- ADNOC Drilling Company P.J.S.C. ("ADRILL", l-Emirati Għarab Magħquda) li tappartjeni għall-Abu Dhabi National Oil Company Group ("ADNOC Group", l-Emirati Għarab Magħquda),
- Alpha Dhabi Holding P.J.S.C. ("ADH", l-Emirati Għarab Magħquda),
- Gordon Technologies, L.L.C. ("Gordon", l-Istati Uniti tal-Amerka),

ADRILL u ADH se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Gordon kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- ADRILL huwa operatur ta' servizzi ta' siti taż-żejt u ta' tħaffir fuq l-art u fuq il-baħar, li jiffirma parti min-network integrat ADNOC ta' negozji li joperaw tul il-katina tal-valur u jipprovdi servizzi ta' tħaffir (fuq l-art u fuq il-baħar) u servizzi ta' siti taż-żejt lill-kumpaniji tal-Grupp ADNOC,
- ADH hija kumpanija ta' investiment ibbażata f'Abu Dhabi, b'kumpaniji holding li joperaw fil-kura tas-saħħa, fl-enerġija rinnovabbli, fil-petrokimiċi, u f'diversi industrijiet oħra, inklużi l-proprjetà immobbli, il-kostruzzjoni, u l-ospitalità,
- Gordon tforni lill-industrija taż-żejt u tal-gass b'teknoloġiji ta' kejl waqt it-tħaffir u fuq skala ħafna iżgħar xi wħud mit-teknoloġiji ta' "Logging While Drilling".

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾, għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11635 — ADRILL / ADH / GORDON

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
